

# Mosè Fenech

*– Pijunier fit-Turiżmu u Filantropiku*

Nhar l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2006 il-Banda Imperial, fuq stedina tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar u tal-familja tas-Sur Mosè Fenech ħadet sehem waqt attività organizzata mill-istess Kunsill Lokali biex tfakkar lil Mosè Fenech – pijunier fit-turiżmu u filantropiku.

Iċ-ċerimonja bdiet b'marċ mill-Baned Imperial tal-Mellieħa u San Pawl ta' San Pawl il-Baħar magħqudin f'banda waħda minn quddiem il-Knisja ta' San Pawl il-Baħar sal-monument f'ġieħ is-Sur Fenech f'tarf Triq Parades akkumpanjati mill-familjari tas-Sur Fenech, Kunsilliera u ħbieb tal-familja Fenech.

F'riġlejn il-monument, saru diskorsi ta' l-okkażjoni u wara sar il-kxif tal-monument mill-Onor. Francis Zammit Dimech, Ministru tat-Turiżmu u Kultura, waqt li żewġ Baned Imperial u San Pawl daqqew fanfarra bħala tislima. Preżenti għal din l-attività kien hemm is-Sinku tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar is-Sur Paul Bugeja, Kunsilliera, l-Onor. Evarist Bartolo Kelliem Ewlieni Laburista għat-Turiżmu, il-Kappillan ta' San Pawl il-Baħar, ulied Mosè Fenech u l-familji tagħhom u ħbieb tal-familja Fenech.

## Minn hu Mosè Fenech?

Mosè Fenech twieled fis-17 ta' Awwissu 1914 minn Ġużeppi u Maria née Fenech. Missieru kien sajjied imma hu qatt ma kellu ħajra għax-xogħol tal-Baħar. Beda l-karriera tiegħu fil-lukanda 'Bay View' f'San Pawl il-Baħar li aktar tard ġiet magħrufa bħala 'Jubilee'. Għal xi żmien ħadem ukoll ma' l-ammiraljat fil-Kċina ta' Kastilja, imma kif bdiet il-gwerra daħal ma' oħtu Victoria fil-'Winter Gardens' fejn illum hemm ix-'Xemxija Bay Hotel'.

Kif spiċċat il-gwerra, f'Malta bdew jiġu n-nisa ta' l-irġiel li kienu fis-servizz. Mosè nduna li dawn kienu se jibdew iġibu l-familjari u l-ħbieb biex iqattgħu ftit jiem f'Malta. Iżda f'Malta għajr xi lukandi żgħar f'Tas-Sliema ma kienx hawn fejn joqogħdu.

Lejn tmiem is-snin erbgħin daħal bi sħab ma'





f'Ta' Xbiex. Billi Mosè dejjem xtaq li li jkollu Lukanda lejn il-Belt Valletta, huwa għażel li din tinbena qabel 'La Reina della Playa'. Il-Lukanda li nbniet f'Ta' Xbiex issemmiet 'Les Lapins' u nfetħet uffiċjalment fl-1987. Ta' min isemmi li Mosè kien involut f'għadd ta' proġetti mal-gvern u ma' l-Air Malta fl-iżvilupp ta' Ħal Ferħ u l-Fortizza ta' Sant Anġlu.

Minħabba li kien involut ħafna fl-industrija tat-turiżmu kellu relazzjonijiet mill-aqwa kemm ma' esperti ta' l-industrija li kienu jagħtu l-pariri lill-gvern u Chairpersons tal-Bord

kuġinuh Charles Fenech f'negozju li dan kellu f' 'Military Bay'. Kienet gabbana taż-żingu li wara twaqqgħet u flokha nbena kiosk xieraq. Minnufih beda l-bini tal-Lukanda 'Cote'D'Or' li nfetħet fl-1953. Għall-ewwel din kellha bar, ristorant u sitt kmamar tas-sodda. Mosè baqa' għaddej b'dan il-proġett tal-bini tal-lukanda u sa l-1959 żied tnejn u għoxrin kamra oħra u impjega maniġer Ingliż biex jgħinu jmexxi l-lukanda u jagħmel *marketing*.

Minħabba li din il-lukanda kienet tkun dejjem mimlija bit-turisti, Mosè beda l-proġett tal-lukanda Golden Sands, lukanda ta' mija u tmintax-il kamra, mgħammra b'dak kollu li titlob lukanda ta' l-ewwel klassi. Din il-lukanda nfetħet fl-1967. Kien hawn li l-Gvern ta' dak iż-żmien induna li l-industrija tat-turiżmu seta' jkollha futur u għalhekk ingħatat għajnuna biex inbnew għadd ta' lukandi speċjalment fit-tramuntana ta' Malta.

Fl-1969 Mosè xtara l-lukanda 'Paradise Bay' li kien fiha 34 kamra tas-sodda. Fl-1972 beda jibni lukanda kbira ta' 182 kamra tas-sodda li kellha faċililijiet kollha moderni ta' dak iż-żmien. Din il-lukanda nfetħet uffiċjalment fl-1974 bl-isem ta' 'The New Paradise Bay'. Bit-turiżmu jkompli jieħu spinta 'l quddiem, Mosè dejjem żamm ħsibijietu fil-qawwa li setgħet tilħaq din l-industrija f'Malta u baqa' għaddej fl-iżvilupp tal-Golden Sands u żied il-kmamar għal tliet mija u tnax u żied ukoll kamra għall-konferenzi kbira għaliex ix-xejra għal dan it-tip ta' turiżmu kienet diġà bdiet tinħass.

Fl-1978 bil-ħsieb li jkompli jkabbar in-negozju tiegħu xtara lukanda żgħira 'Riviera Martinique' bil-ħsieb li flokha tinbena lukanda oħra kbira u moderna li kellu jkun isimha 'La Reina della Playa'. Ġara iżda li fl-1980 Mosè xtara dik li kellha tkun il-'President Hotel'

tat-Turiżmu kienu jħarsu lejn Mosè bħala l-espert fl-industrija tat-turiżmu ta' dak iż-żmien. Kien Mosè li neħħa l-isem ta' 'Military Bay' u semmieha 'Golden Bay' filwaqt li introduċa f'Malta l-kunċett li lukanda jkollha bajja privata.

Minbarra li kien espert fit-turiżmu, Mosè kien ukoll filantropiku. Għen diversi għaqdiet fosthom l-Għaqda Mużikali Imperial. Għal għaxar snin sħaħ kien l-isponsor ewlieni tal-festival tal-kant *Vokalissima* organizzat mill-istess Għaqda. Kien jagħti l-għajnuna tiegħu fl-attivitajiet soċjali u kien jistieden il-Banda Imperial iddoqq ġewwa l-lukandi tiegħu fil-jiem tal-Milied.

Barra minn dan, bl-investiment tiegħu fit-turiżmu Mosè pprovda l-għixien lil diversi żgħażagħ u familji, permezz ta' impjiegi fil-qasam tat-turiżmu, speċjalment lil dawk li jgħixu fit-tramuntana ta' Malta.

Mosè Fenech kien miżżewweġ lil Stella née Bray u kellu sitt ulied li kollha baqgħu miegħu fin-negozju. Mosè miet fil-15 t'Ottubru 1994 fl-għomor ta' tmenin sena.

